*l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' għajnuna u benefiċċji soċjali, huwa dejjem fuq dak li jkun qiegħed jitlob l-għajnuna*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 7/2022 LM

**Wailin Grech (K.I. 220777M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [hawnhekk 'id-Direttur Ġenerali appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tal-20 ta' Lulju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-

Arbitru ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrent **Wailin Grech (K.I. 220777M)** [hawnhekk 'l-appellant'], kif ukoll li jiċħad id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali tal-14 ta' Settembru, 2020.

## Fatti

2. Ir-rikorrent huwa iben Theresa Sciberras, li ġiet nieqsa fis-sena 2008. L-imsemmija Sciberras kellha żewġt itfal oħra apparti lir-rikorrent, Nikita McAnally u Natasha Caruana. Permezz tal-aħħar testment tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2001 fl-atti tan-Nutar Dr. Christine Abela, Sciberras innominat lit-tliet uliedha eredi universali tagħha filwaqt li tat prelegat liż-żewġ uliedha bniet fl-ammont ta' LM80,000 kull waħda, ekwivalenti għal €186,349.87. Waqt li kienet għadha ħajja, Sciberras biegħet proprjetà li kellha fi Triq Sant'Agata, Tas-Sliema, u bir-rikavat minn dan il-bejgħ tat lir-rikorrent sehmu mill-wirt futur tiegħu. Ir-rikorrent kien intitolat għal nofs il-valur ta' din il-proprjetà, u għalhekk tħallas is-somma ta' €160,000, liema flus huwa rċieva wara li mietet ommu u biha xtara residenza fil-Kalkara. Fis-sena 2018, ir-rikorrent u ħutu biegħu l-proprjetà rimanenti li kienu wirtu, fosthom fond bl-indirizz 220, Triq Sant Elena, Tas-Sliema li nbiegħ fil-15 ta' Mejju, 2018 bil-prezz komplessiv ta' €60,000, u due terzi mill-fond bl-indirizz Villa Samara, Triq is-Sebuqa, San Ġwann, bil-prezz komplessiv ta' €254,000, permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Settembru, 2018. Fuq dan il-kuntratt ġie ddikjarat illi s-sehem ta' €127,000 li jappartjeni lil Wailin Grech, kien diġà tħallas lilu qabel il-ġurnata meta ġie ffirmat il-kuntratt, kif ukoll għas-saldu tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li kien hemm fuq dan l-immobbli, u għas-saldu ta' sehmu mill-ispejjeż legali tal-kawża fl-ismijiet Joseph Caruana

nomine *vs.* Wailin Grech et (582/11JA) deċiża fil-25 ta' Marzu, 2015. Ir-rimanenti bilanċ ta' €20,000 tħallas lir-rikorrent.

3. Ir-rikorrent applika għall-Benefiċċju għall-Qgħad fit-30 ta' Diċembru, 2019. Permezz ta' ittra datata l-14 ta' Settembru, 2020, mibgħuta lir-rikorrent mid-Direttur Ġenerali intimat, huwa ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu għall-Għajnuna għall-Qgħad kienet mistħarrġa, u ġie deċiż li huwa ma kienx għadu intitolat aktar għal din l-għajnuna għaliex l-intimat ma kienx sodisfatt li l-kapital tiegħu ma jeċċedix l-iskala permessa mil-liġi.

4. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni tal-intimat. Quddiem l-Arbitru, spjega li meta ġiet nieqsa ommu, hija kienet ħalliet somma flus bħala prelegat lil ħutu fl-ammonti ta' LM80,000 kull wieħed, u missier oħtu ż-żgħira li meta mietet l-omm kienet għadha minuri, kien fetaħlu kawża għaliex huwa baqa' jgħix fid-dar ta' ommu. Qal li kienet oħtu ż-żgħira, Natasha Caruana li xtrat sehmu mid-dar ta' ommu.

5. L-intimat spjega li r-rikorrenti kien applika għall-Għajnuna għall-Qgħad fit-30 ta' Diċembru, 2019, u minn stħarriġ li sar mid-Dipartiment, irriżulta li r-rikorrent messu s-sehem ta' €127,000 mill-bejgħ tal-proprjetà li ommu kellha ġewwa San Ġwann. L-intimat spjega li saru diversi kalkoli u tnaqqis, inkluż it-taxxa li tħallset fuq il-bejgħ ta' din il-proprjetà fl-ammont ta' €6,840, rċevuti varji għall-ammont ta' €8,150.23, spejjeż għall-għajxien tiegħu għall-perijodu bejn it-3 ta' Diċembru, 2019 sal-25 ta' Ġunju, 2021 li jammontaw għal €9,025, u l-kapital ta' €14,000 li huwa l-massimu li applikant għall-benefiċċji jista' jkollu l-bank, ġie stabbilit li r-rikorrent kien għad fadallu l-ammont ta' €88,984.76 li kienu *unaccounted for.* L-intimat spjega li kien għalhekk li huwa ma kienx

sodisfatt li l-kapital tar-rikorrent ma kienx jeċċedi l-ammont ta' €14,000 kif stabbilit fil-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimat għamel riferiment għall-kuntratt tal-bejgħ tal-proprjetà ġewwa San Ġwann, minn fejn jirriżulta li kien għad irid jiġi ddikjarat x'kien l-ammont li ngħata lir-rikorrent qabel ġie ffirmat dak il-kuntratt. L-intimat qal li għad irid jiġi stabbilit ukoll x'sar mill-proprjetà bin-numru 220, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema, u x'kien is-sehem tar-rikorrent mill-qsim tal-kontijiet bankarji li kellha ommu Theresa Sciberras.

6. Quddiem l-Arbitru ġew ippreżentati diversi dokumenti, fosthom kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret wara l-mewt ta' Theresa Sciberras; kopja tat-testment pubbliku ta' Theresa Sciberras; kopja tar-riċerki testmenti pubbliċi li saru in segwitu għall-mewt ta' Theresa Sciberras; kopja tar-riċerki testmenti sigrieti li saru wara l-mewt ta' Sciberras; kopja tal-konvenju tal-fond fi Triq Sant'Agata, Tas-Sliema; kopja tal-kuntratt tal-15 ta' Mejju, 2018; u *deposit slip* fl-ammont ta' €13,160.

7. Quddiem l-Arbitru, ir-rikorrent xehed li kien hemm kont fil-bank HSBC, imma l-ammont iddepożitat f'dan il-kont kien għadu ma nqasamx bejn l-eredi ta' Theresa Sciberras. Qal ukoll li ommu kienet tbati minn *bipolar disorder,* u kien għalhekk li huwa kien fetaħ *joint account* magħha, sabiex hija setgħet tgħix bl-imgħaxijiet li jirrendulha d-depożiti bankarji. Qal ukoll li huwa rċieva €150,000 minn dan il-kont wara l-mewt ta' ommu sabiex seta' jixtri l-proprjetà fil-Kalkara, li hija l-unika proprjetà tiegħu.

## Id-Deċiżjoni Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Lulju, 2022, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi l-applikant applika għall-Għajnuna għall-Qgħad fit-30 ta' Diċembru, 2019.*

*Illi din l-Għajnuna ġiet imċaħħda peress illi d-Direttur ma kienx sodisfatt li l-appellant ma kienx jeċċedi l-€14,000 u dan ġie komunikat permezz ta' ittra datata 14 ta' Settembru, 2020.*

*Illi l-appellant appella permezz ta' ittra li waslet fl-Uffiċċju tal-Arbitru fit-28 ta' Settembru, 2020.*

*Illi permezz ta' risposta d-Direttur (Sigurtà Soċjali) issottometta illi minn stħarriġ li għamel id-Dipartiment irriżulta li l-appellant irċieva s-sehem tiegħu ta' €127,000 mill-bejgħ tal-proprjetà ta' Villa skont id-dokument tan-Nutar Melvin Polidano datat 28 ta' Settembru, 2018 u wara diversi kalkoli u tnaqqis, ikkonkluda illi kien jirriżulta bilanċ ta' €88,984.76 li kienu* not accounted for. *Għalhekk id-Direttur ħareġ id-deċiżjoni tal-14 ta' Settembru, 2020. Hekk ukoll, fir-risposta ġie ssollevat illi jrid jiġi spjegat x'sar bil-proprjetà ġewwa Triq Sant'Elena, Sliema u x'kien is-sehem tal-appellant mill-qsim ta' kontijiet bankarji ta' Theresa Sciberras.*

***Fatti tal-Każ***

*Illi l-applikant applika għall-Għajnuna tal-Qgħad fit-30 ta' Diċembru, 2019.*

*Illi dan ġie miċħud lilu minħabba diversi proprjetajiet ta' omm l-appellant, li ġiet nieqsa fi Frar 2008 kif ukoll flejjes f'kontijiet bankarji.*

*Illi Wailin Grech kien wieħed mit-tlett itfal tal-mejta Theresa Sciberras li ġiet nieqsa fis-26 ta' Frar, 2008 u t-tlett itfal kienu eredi universali ta' Sciberras, b'dan però illi ż-żewġ ħutu l-oħra u ċioe Nikita McAnally u Natasha Caruana, tħallew ukoll prelegat fis-somma ta' LM80,000 kull wieħed, ekwivalenti għal total ta' circa €186,000 kull wieħed. Wailin Grech ma ngħata l-ebda legat iżda bħala eredi universali kellu jiżgura illi dan l-ammont jitħallas l-ewwel u qabel kollox. Dan skont l-aħħar testment ta' Sciberras tad-19 ta' Ottubru, 2001 fl-atti tan-Nutar Dr. Christine Abela.*

*Illi Theresa Sciberras kellha tliet proprjetajiet rilevanti għall-każ u ċioe:*

*i. Proprjetà ġewwa Triq Sant Agata Sliema li nbiegħet għall-prezz ta' €325,000;*
*ii. Villa Samara – 2/3 sehem indiviż inbiegħet fl-2018 għal €254,000;*

*iii. Proprjetà ġewwa Triq Sant'Elena, Sliema li nbiegħet għal €60,000.*

*Illi l-proprjetà ġewwa Triq Sant Agata għal xi raġuni ġiet trasferita lil Wailin Grech iżda nbiegħet tul ħajjet Theresa Sciberras. L-appellant jispjega li d-dar kienet ta' ommu iżda xtaqet tbiegħ sabiex jieħu sehmu minn wirt futur. Fil-fatt il-proprjetà nbiegħet fl-2008 u r-rikavat wara li tnaqqsu taxxi, senserija u ħlas ta' loan mal-bank li kellha Sciberras fl-ammont ta' €23,300, ġew iddepożitati ġewwa kont konġunt miżmum ma' Bank of Valletta u ċioe kont konġunt bejn Sciberras u l-appellant.*

*Illi mal-mewt ta' Sciberras, Wailin Grech, wara intervent tal-Avukat tiegħu, Dr Peter Caruana Galizia, ingħata 50% tal-ammont tal-kont konġunt u ċioe circa €160,000. B'dan, l-appellant akkwista l-unika residenza tiegħu ġewwa l-Kalkara bil-prezz ta' circa €110,000 oltre taxxi u spejjeż relatati li dwarhom ġiet esebita dokumentazzjoni.*

*Illi ai termini ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 25 ta' Marzu, 2015, ġiet ordnata t-terminazzjoni ta' koproprjetà bejn l-aħwa u wkoll il-ħlas ta' legati fis-somma ta' €186,000 kif ukoll bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjetajiet Villa Samara u proprjetà fi Triq Sant'Elena, Sliema.*

*Illi mid-dokumentazzjoni kollha ppreżentata u minn spjegazzjonijiet mogħtija mill-Appellant jirriżulta s-segwenti*

*i. Villa Samara ġiet akkwistata mill-eredi oħtu Natasha Caruana bil-prezz għar-rimanenti 2/3 ikun ta' €254,000 skont il-kuntratt tat-28 ta' Settembru, 2018.*
*ii. Il-proprjetà ġewwa Triq Sant Elena Sliema nbiegħet għas-somma ta' €60,000 skont kuntratt tal-15 ta' Mejju, 2018 fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza.*

*Illi l-valur tal-patrimonju kollu ta' Sciberras kien is-segwenti:*

- *€150,000 - kont konġunt wara bejgħ ta' dar ġewwa Sant'Agata, Sliema;*
- *€380,000 circa – Villa Samara*
- *€60,000 – maisonette ġewwa Triq Sant'Elena*

*Total: €590,000 circa li minnhom iridu jintaqqsu taxxi u spejjeż*

*Hekk ukoll, legati kienu jammontaw għal €372,000*

*€590,000 - €372,000 = €218,000*

*€218,000 / 3 =* ***€70,000 (dan eskluż it-taxxi kolha mħallsa fuq il-*****causa mortis** ***u fuq kull trasferiment).***

*Illi l-appellant irċieva biss circa €13,000 stante (oltre €150,000 tal-kont konġunt) li kien kostrett iħallas kontijiet tad-dawl u tal-ilma tal-proprjetà, taxxa fuq il-bejgħ ta' kull proprjetà, spejjeż relatati mal-kuntratti kif ukoll spejjeż relatati mal-għajxien tiegħu mill-2008 u spejjeż sabiex jirranġa l-unika residenza tiegħu.*

***Kunsiderazzjonijiet***

*Illi jidher illi mill-kalkoli illi għamel id-Dipartiment, it-tnaqqis tal-legati ma sarx u lanqas ma ġew ikkunsidrati l-ammont sostanzjali ta' taxxi mħallsa stante l-wirt u sussegwenti bejgħ tal-proprjetà.*

*Illi jidher illi meta Wailin Grech irċieva €150,000 circa fl-2009 mill-kont konġunt, dan kien sehmu kollu mill-wirt ta' ommu, u dan stante l-legat illi ħalliet lil uliedha bniet.*

*Illi l-appellant akkwista l-unika residenza tiegħu u wkoll esebixxa irċevuti oħra li juri kif nefaq madwar €5,200 minn flusu – id-dokumenti kollha ġew esebiti fis-seduta tat-23 ta' Ġunju, 2022.*

*Illi għalhekk, l-Arbitru ma jistax jaqbel illi l-appellant eċċeda l-limitu meta fil-verità kien vittma ta' ċirkostanzi familjari illi wassluh għal diffikultajiet finanzjarji u li, permezz tal-applikazzjonijiet tiegħu, kien qiegħed biss ifittex għajnuna għall-perijodu temporanju ta' qgħad.*

***Decide***

*Għaldaqstant, l-Arbitru, filwaqt li jagħmel referenza għas-suespost:*

1. *Jilqa' l-appell tal-appellant;*
2. *Jiċħad id-deċiżjoni tad-Direttur tal-14 ta' Settembru, 2020."*

## L-Appell

9. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fl-24 t'Awwissu, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-20 ta' Lulju, 2022, u konsegwentement tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-14 ta' Settembru, 2020, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

10. L-appellant spjega li fil-fehma tiegħu l-Arbitru kienet żbaljata meta waslet għall-konklużjoni li l-kapital tal-appellat kien anqas minn dak preskritt fil-liġi. Qal li l-appellat applika għall-Benefiċċju għal Qgħad *ai termini* tal-artikolu 30 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan il-benefiċċju huwa regolat bit-Taqsima VI

tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, u jagħmel riferiment għall-Ewwel Paragrafu tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda. Qal li għalhekk kien jinkombi fuq l-appellat li jipprova li l-assi tiegħu kienu ta' anqas minn €14,000 u li ma kienx ċaħħad lilu nnifsu minn proprjetà sabiex ikun eliġibbli għal din l-għajnuna.

11. L-appellant qal li wara li din l-applikazzjoni tal-appellat ġiet mistħarrġa, ġie konkluż li l-appellant kellu assi kapitali li jeċċedu €14,000, u kien l-appellat li appella minn din id-deċiżjoni, u għalhekk kellu jipprova li l-assi kapitali tiegħu kienu inqas minn dan l-ammont. Qal ukoll li fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Arbitru, tressqu diversi provi dwar il-proprjetajiet li l-appellat wiret mingħand ommu, u fid-deċiżjoni tagħha l-Arbitru daħlet fid-dettall dwar kif l-assi ereditarji ta' Theresa Sciberras ġew imqassma. L-appellant qal li madanakollu, l-Arbitru waslet għal ċerti konklużjonijiet mingħajr ma kellha provi konkreti. Qal li fil-kalkoli tagħha, l-Arbitru kkonkludiet li wara li tħallsu l-prelegati, kien għad fadal madwar €218,000, li nqasmu bejn it-tliet aħwa (€72,667 kull wieħed). L-Arbitru hawnhekk ikkonkludiet li kien hemm xi taxxa *causa mortis* li kellha titħallas u xi taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà, imma fid-deċiżjoni tagħha l-Arbitru ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar kif waslet għall-konklużjoni li l-appellat irċieva biss madwar €13,000 minħabba kontijiet, taxxa fuq il-bejgħ u spejjeż oħra. Qal li filwaqt li kien hemm spejjeż f'dan is-sens, ma hemm ebda spjega ta' kif dawn ammontaw għal €57,000, biex l-appellat spiċċa ingħata biss €13,000 mill-wirt ta' ommu.

12. L-appellant qal li huwa żgur li fil-kuntratt tal-15 ta' Mejju, 2018, l-appellat u ħutu biegħu proprjetà għall-prezz ta' €60,000, u għalhekk huwa kien intitolat għal €20,000. Imkien ma jingħad li l-appellat ma ġabarx dan l-ammont, u fil-

kuntratt ġie ddikjarat li l-ebda taxxa ma kienet dovuta fuq dan il-bejgħ għar-raġunijiet spjegati hemmhekk. Qal ukoll li ftit wara sar il-kuntratt tat-28 ta’ Settembru, 2018, fejn ġie ddikjarat li l-appellat kien qiegħed jittrasferixxi sehmu mill-prezz kumplessiv ta’ €127,000. Qal li fil-kuntratt ġie ddikjarat li parti minn dan l-ammont kien diġà tħallas qabel ġie ffirmat il-kuntratt finali, filwaqt li ġie ddikjarat li Wailin Grech kien qiegħed jirċievi l-ammont ta’ €20,000 mal-iffirmar tal-kuntratt. Aktar ’il quddiem l-appellat ħallas is-somma ta’ €6,840 taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà, u b’hekk minn dan il-bejgħ l-appellat messu s-somma ta’ €13,160. L-appellant qal li dan ifisser li minn dawn iż-żewġ kuntratti, l-appellat kellu mill-anqas €33,160, u dan qabel ma huwa applika għall-benefiċċju tal-qgħad fl-2020. L-appellant żied jgħid li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar kif nefaq dawn il-flus, għajr li pproduċa xi irċevuti għal xogħol ta’ tiswija fuq vettura fis-sena 2018.

13. Skont l-appellant, l-appellat qal li fis-sena 2009 kien irċieva madwar €150,000, u minn dawn il-flus kien xtara l-fond fejn jirrisjedi, u kien fadallu madwar €40,000. Parti minn dan l-ammont kien intuża matul is-snin għal xi xogħol fir-residenza tiegħu. L-Arbitru kkonkludiet li l-appellat nefaq madwar €5,200, però l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar kif nefaq il-kumplament ta’ dawn il-flus. L-appellant qal li huwa ċar għalhekk li l-appellat irċieva somma konsiderevoli ta’ flus, u għalkemm ingħataw spjegazzjonijiet limitati dwar kif huwa nefaq il-flus li messew lilu, qatt ma ta rendikont dettaljat. L-appellant żied jgħid li filwaqt li l-Arbitru kienet korretta meta rrikonoxxiet li kien hemm spejjeż relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratti, din kienet żbaljata meta minflok ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-provi konkreti dwar fhiex kienu jikkonsistu dawn l-ispejjeż, arbitrarjament iddeċidiet li dawn tant kienu kbar li l-appellat

ma kien fadallu xejn f'butu. L-appellant qal li ntwera li l-ispejjeż ta' taxxa fuq it-trasferiment tal-fondi ammontaw għal €6,840, u l-ispejjeż tal-*causa mortis* ammontaw għal €4,470 għal kull wieħed mill-eredi. L-appellant qal li huwa paċifiku li l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' għajnuna u benefiċċji soċjali, huwa dejjem fuq dak li jkun qiegħed jitlob l-għajnuna, u fil-każ odjern il-konklużjonijiet tal-Arbitru ma jistgħux jitqiesu li huma raġonevoli, għaliex kien jinkombi fuq l-appellat li juri li huwa kellu inqas minn €14,000 f'assi kapitali, u li ma kienx ċaħħad lilu nnifsu mill-flus li kellu. L-appellant qal li l-appellat ma weriex x'assi kapitali kellu fil-mument li huwa applika għall-benefiċċju, u għalkemm wera uħud mill-ispejjeż li kellu matul is-snin, meta jitqiesu t-trasferimenti li saru, huwa inverosimili li wieħed jikkonkludi li l-appellat spiċċa biss b'€13,000 kif ikkonkludiet l-Arbitru.

14. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għal dan ir-rikors tal-appell tal-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat. Id-Direttur Ġenerali appellant huwa tal-fehma li l-Arbitru m'għamlitx apprezzament xieraq tal-provi li kellha quddiemha, naqset milli tikkonsidra li l-oneru kien fuq l-appellat sabiex jipprova b'liema mod lilu messewh biss €13,000 mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetajiet kollha li kellha ommu, kif ikkonkludiet l-Arbitru fid-deċiżjoni

tagħha, u b'hekk waslet għall-konklużjoni, fil-fehma tal-appellant żbaljata, li l-appellat huwa eliġibbli għall-benefiċċju li applika għalih.

16. Il-Qorti tqis li jirriżulta li l-appellat applika għall-benefiċċju tal-qgħad fl-2019. Tul il-proċeduri li saru quddiem l-Arbitru, l-appellat qal biss li għamel xi żmien jaħdem fuq is-sett tal-film 'Agora', u għal xi żmien kien jiffrekwenta bar ta' ħabiba tiegħu fil-Belt Valletta bil-ħsieb li jibda jaħdem hemmhekk, iżda wara ftit taż-żmien l-appellat kellu xi jgħid ma' din il-persuna, u b'hekk sfaxxaw il-pjanijiet kollha li kellu l-appellat biex jinvolvi ruħhu f'dan in-negozju. Mill-bqija ma jirriżultax li l-appellat qatt ħadem bi qliegħ, jew jekk dan għadux qiegħed ifittex impjieg. Kien għalhekk li kemm id-Direttur Ġenerali appellant kif ukoll l-Arbitru, kellhom jikkonsidraw il-provi li pproduċa l-appellat, li ħafna minnhom jikkonsistu fi provi dokumentarji, kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà ta' omm l-appellat li ġiet nieqsa fl-2008, u irċevuti għall-ħlas ta' diversi oġġetti li nxtraw mill-appellat tul is-snin. Filwaqt li d-Direttur Ġenerali appellant huwa tal-fehma li l-appellat għandu kapital, u messewh flus mill-wirt ta' ommu, li jeċċedu l-iskala stabbilita bil-liġi, l-Arbitru kkonsidrat il-prelegati li kellhom jitħallsu mill-appellat, it-taxxi fuq il-bejgħ tal-proprjetà li tħallsu minnu, u l-fatt li dan kellu spejjeż biex seta' jgħix, sabiex waslet għal konklużjoni diversa minn dik li wasal għaliha l-appellant, u kkonkludiet li lill-appellat messu sehem ta' €13,000 mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetajiet li kellha ommu.

17. Il-Qorti kkonsidrat li mill-provi jirriżulta li omm l-appellat kellha tliet proprjetajiet, li waħda minnhom inbiegħet qabel mewtha, u r-rikavat mill-bejgħ ta' din il-proprjetà ġie ddepożitat f'kont bankarju konġunt bejn l-appellat u ommu. Wara l-mewt ta' omm l-appellat, kien għad hemm €160,000 f'dan il-

kont bankarju, li l-appellat uża €110,000 minnhom sabiex xtara proprjetà fil-Kalkara, li hija r-residenza tiegħu. L-appellat kellu jħallas ukoll prelegati lil ħutu fl-ammont ta' €372,000, li meta jitnaqqsu mir-rikavat totali mill-bejgħ tat-tliet proprjetajiet, iħallu bilanċ ta' €218,000. Dan l-ammont diviż bejn it-tliet aħwa jħalli €70,000 f'id kull wieħed u waħda mill-eredi ta' Theresa Sciberras, omm l-appellat. L-Arbitru kkonkludiet li meta wieħed iqis il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li kien hemm pendenti fuq dawn il-proprjetajiet u li riedu jitħallsu, it-taxxa fuq il-bejgħ u spejjeż oħra li kellu jagħmel l-appellat għall-għajxien tiegħu ta' kuljum, dan irċieva biss l-ammont ta' €13,000 mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà li ħalliet ommu.

18. Il-Qorti ssibha diffiċli ferm li tasal għall-istess konklużjoni milħuqa mill-Arbitru, għaliex l-appellat ma ressaq l-ebda prova li turi kif dan nefaq il-bilanċ tal-flus li kien hemm fil-kont konġunt li kellu ma' ommu ta' €160,000 circa, għajr għall-€110,000 li bihom xtara d-dar fil-Kalkara, u l-irċevuti esebiti minnu li bihom ipprova li xtara xi materjali biex jagħmel xi xogħlijiet f'din id-dar. L-appellant hawnhekk għandu raġun jirrimarka li s-somom ta' flus li messew lill-appellat tul is-snin kienu 'notevoli', u li dan ma ressaq l-ebda prova sabiex juri dawn il-flus fhiex intefqu, u kemm huwa l-ammont li huwa għandu bżonn biex jgħajjex lilu nnifsu. Il-Qorti fehmet li l-appellat kellu jiffaċċja diversi sitwazzjonijiet diffiċli f'ħajtu, iżda kien dmir tiegħu li jressaq provi suffiċjenti sabiex juri l-flus li messew lilu fhiex intefqu, u jekk huwa għadx għandu bżonn tal-għajnuna soċjali li applika għaliha, in vista tal-fatt li l-applikazzjoni għall-benefiċċju għal qgħad issa ilha li saret minnu għadd ta' snin ilu. Il-Qorti kkonsidrat li tnejn mill-proprjetajiet li kellha omm l-appellat inbiegħu fl-2018, u għalhekk fi snin riċenti lill-appellat messewh somom ta' flus li mhumiex żgħar.

L-applikazzjoni tal-appellat għall-għajnuna soċjali saret ftit tax-xhur wara li nbiegħu dawn il-proprjetajiet, proprju fi tmiem l-2019, u għalhekk kienu għaddew biss ftit xhur bejn id-data meta sar il-bejgħ ta' dawn il-proprjetajiet u d-data meta l-appellat applika għal dan il-benefiċċju. Dan ifisser li ma kellux ikun daqstant diffiċli għall-appellat li jagħti rendikont preċiż u dettaljat dwar x'għamel bil-flus li messew lilu u fhiex intefqu. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li ma tantx huwa plawsibbli dak li ġie dikjarat mill-avukat difensur tal-appellat waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti li mill-bejgħ ta' żewġ terzi tal-villa f'San Ġwann u mill-bejgħ ta' proprjetà f'Tas-Sliema, l-appellat irċieva biss l-ammont ta' €4,000, u tliet vetturi li l-valur tagħhom huwa baxx ħafna, kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti in atti.

19. Il-Qorti tirrileva wkoll li minkejja li l-appellat fil-korrispondenza tiegħu mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali spjega f'liema ċirkostanzi kien tilef l-impjieg li kellu, huwa ma ressaq l-ebda prova sabiex juri jekk minn dak iż-żmien 'il quddiem huwa fittix x'impjieg ieħor, u jekk wara kollox minkejja li applika għall-benefiċċju għall-qgħad fl-2019, jekk huwa għadux qiegħed japplika għal din l-għajnuna, li kif spjegat tajjeb l-Arbitru kellha tkun waħda "temporanja" għaż-żmien li fih l-appellat kien mingħajr impjieg. Il-Qorti taqbel mal-appellant li l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' għajnuna u benefiċċji soċjali, huwa dejjem fuq dak li jkun qiegħed jitlob l-għajnuna. Quddiem in-nuqqas ta' tweġibiet ċari, irid jingħad li l-appellat lanqas biss ressaq risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, u n-nuqqas ta' provi li l-appellat kien obbligat li jipproduċi għas-sodisfazzjon tad-Direttur Ġenerali appellant, il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tilqgħu, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-14 ta' Settembru, 2020.**

**In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**